# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tal-lum it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2016

## Rikors Numru : 996/2015/LSO

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 (LSO)**

**Avukat Stephen Muscat (420772M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Seaboard Overseas Limited**

**vs**

**Imhallef Emeritus Dr. P Sciberras bhala kuratur *ad litem* ta' Nero Shipmanagement Ltd.**

***12 ta' Jannar 2016.***

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Stephen Muscat (420772M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' Seaboard Overseas Limited datat 19 ta’ Ottubru 2015 fejn espona: -

Illi nhar is-6 ta' Lulju 2015, is-socjeta' esponenti Seaboard Overseas Limited talbet u ottjeniet il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi, kopja tieghu annessa u mmarkata Dok 'SM 1';

Illi bl-istess mandat giet notifikata s-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarja u dana bl-iskop li jzomm lill-imsemmija socjeta' milli tghaddi f'idejn is-socjeta' Nero Shipmanagement Limited bhala debitur tas-socjeta' esponenti flus jew hwejjeg mobbli li huma f'idejn dak is-sekwestratarju appartenenti lill-istess Nero Shipmanagement Limited, u dana *a tenur* tal-artikolu 375 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijietta' Malta);

Illi wara li s-socjeta' Rema Maritime Limited giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, hija pprezentat nota fir-Registru li fiha kienet qieghda tiddikjara "*//// m'ghandhiex hwejjeg jew flus tas-socjeta' sekwestru",* liema nota tinsab fl-atti ta' l-istess mandat, annessi;

IIIi filwaqt illi s-socjeta' Rema Maritime Limited tabilhaqq bhalissa jista' ikun m'ghandhiex flus appartenenti lis-socjeta' Nero Shipmanagement Ltd., jirrizulta illi l-istess socjeta' fethet proceduri arbitrali kontra Rema Maritime Limited gewwa Londra, li naturalment id-dettalji shah dwarhom s-socjeta' esponenti ma tafx u ma tistax tkun taf *stante* n-natura kunfidenzjali taghhom;

Illi t-tilwima bejn Nero Shipmanagement Ltd u Rema Maritime Limited bdiet mill-istess vjagg li qatt ma sar u li kien il-mertu tal-'award' li ghandha s-socjeta' esponenti fil-konfront ta' Nero Shipmanagement Ltd. wara proceduri arbitrali f'Londra li sussegwentement gew ipprezentati fic-Centru Malti dwar l-Arbitraggi in konnessjoni mal-ordni ta' registrazzjoni li ottjeniet mill-istess Centru nhar il-15 ta' Gunju 2015, liema 'Award' tinsab annessa bhala Doc "SM 2." L-istess 'Award' tindika t-tilwima ta' Nero Shipmanagement Ltd ma' Rema Maritime Limited f'paragrafi 28, 36-38, 56-58, 69-73 u 82. (Ara paragrafi 1 u 10 tal-'Award', fejn il-partijiet fl-'Award' li riferibbilment ghal Rema Maritime Limited u Nero Shipmanagment Ltd jissejhu "sidien ewlenin" u "sidien" rispettivament;

Illi *inoltre,* in konnessjoni mal-istess proceduri, Nero Shipmanagement Ltd bdiet proceduri gewwa l-lstati Uniti kontra Rema Maritime Limited biex tottjeni kawtela ghall-proceduri arbitrali gewwa Londra kontra Rema Maritime Limited. (Ara kopja vera ta' l-llment anness u dokumenti esebiti datati 29 ta' Settembru, 2011 [u partikolarlment

paragrafi 16-18 immarkati bhala Dok 'SM3']). F'dik l-azzjoni (u presumibbilment fl-arbitragg gewwa Londra wkoll), Nero Shipmanagment Ltd fittxet ghal danni lil Rema Maritime Limted ghal kwazi US$460,000, liema ammont jeccedi l-ammont tas-sekwestru tas-socjeta' esponenti kontra Rema Maritime Limited.

Illi s-socjeta' esponenti bl-iskop li tissalvagwardja l-interessi taghha, munita kif inhi b'titolu ezekuttiv li bhala att ezekuttiv mahrug abbazi tal-istess titolu, jikkostitwixxi ordni ta' dina I-Onorabbli Qorti, fil-kaz ta' dak it-titolu fil-konfront tas-socjeta' Nero Shipmanagement Limited u fil-kaz tal-mandat ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' Rema Maritime Limited specifikatament biex jinghata effett lill-istess mandat bhala kwistjoni ta' ordni pubbliku li trid tithares inkondizzjonalment, permezz ta' l-avukat taghha gewwa Londra ikkomunikat maI-avukat fil-P&I Club li rrapprezenta lil Rema Maritime Limited, biex tistaqsi dwar dawk il-proceduri (ara *email* annessa bhala Dok 'SM4');

Illi s-socjeta' esponenti kitbet ukoll lil managers ta' Rema Maritime Limited (JG Roussos Shipping S.A.) biex tistaqsi dwar fejn waslu l-proceduri arbitrali gewwa Londra. Fit-twegiba, ir-rapprezentanti ta' Rema Maritime Limited irrifjutaw li jipprovdu informazzjoni fuq fejn waslu l-proceduri arbitrali gewwa Londra. (Ara ittra minghand JG Roussos lil Seaboard Overseas Limited datata 28 ta' Awwissu 2015, annessa bhala Dok 'SM5');

IIli fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti, is-socjeta' Rema Maritime Limited m'hijiex tapprezza bis-shih l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti maghmula permezz tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni li s-socjeta' esponenti tikkontendi effettivament jobbliga lill-istess Rema Maritime Limited bhala sekwestrarja taghti dik l-informazzjoni rilevanti **kollha** bl-iskop li l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti maghmula permezz ta' l-istess mandat ta' sekwestru mhux biss tithares imma tinghata effett, anke eventwalment. Illi fil-fatt, *a tenur* tal-artikolu 383 tal-Kap. 12 *"Il-mandat ta' sekwestru....jibqa' fis-sehhi sakemm jigi mhassar b'digriet tal-qorti."*

Filwaqt li l-avukati ta' Rema Maritime P & I u l-managers taghhom qalu li huma ma ghandhomx flus jew proprjeta' li tappartjeni lil Nero Shipmangament Ltd, huma ma jridux jaghtu informazzjoni dwar l-porceduri arbitrali ta' Londra li, jekk ghadhom ghaddejjin, jistghu jirruzultaw f' *award* favur Nero Shipmanagment Ltd u f'obbligazzjoni konkurrenti ta' Rema Maritime Limited biex thallas lis-socjeta' esponenti flus li jistghu jappartjenu lil Nero Shipmanagament Ltd in konnessjoni ma' l-istess *award;*

Ladarba skont l-artikolu 383 hawn fuq citat *'il-mandat ta' sekwestru....jibqa' fis-sehh jew sakemm jigi revokat permezz ta' digriet tal-Qorti',* japplika ugwalment ghal flus li jistghu jigu dovuti fil-futur minn Rema Maritime Limited lil Nero Shipmanagement Ltd.

IIIi bla pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti, anke indipedentement mill-obbligi imposti minn mandat ta' sekwestru fuq sekwestratarju, kif spjegat hawn fuq, dina l-Onorabbli Qorti dejjem tista' taghti dawk l-ordnijiet addizzjonali sabiex tithares l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u ghalhekk ikun xieraq illi s-socjeta' Rema Maritime Limited taghti dik l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex dan isehh.

Illi ghalkemm Rema Maritime Limited affermat li ma tistax taghti informazzjoni dwar l-arbitragg gewwa Londra minhabba kunfidenzjalita', l-avukati tas-socjeta' esponenti gewwa Londra jikkontendu illi fl-interess tal-gustizzja, tali kunfidenzjalita' tista' tigi mnehhija permezz ta' digriet tal-Qorti.

Illi fic-cirkostanzi prezenti, fejn is-socjeta' esponenti ilha ghal numru ta' snin tipprova tinforza l-'Award', huwa kjarament fl-interess tal-gustizzja li Nero Shipmangament Ltd u/jew lil Rema Maritime Limited jinzammu milli jevadu l-infurzar ta' tali 'Award';

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex taghti dik l-informazzjoni kollha rilevanti ghall-istess mandat, specifikamanent biex twiegeb ghas-segwenti mistoqsijiet:

(a) x'inhu l-i*status* prezenti tat-tilwima ma' Nero Shipmanagement Ltd, li bdiet minn *charter* tal-M/V AKTEA R li hija jew li kienet suggetta ghall-proceduri arbitrali gewwa Londra?

(b) X'inhuma l-ammonti tat-talbiet u/jew kontro-talbiet affermati fil-proceduri arbitrali gewwa Londra riferiti f'(a) minn (i) Nero Shipmanagment Ltd kontra Rema Maritime Ltd u/jew (ii) minn Rema Maritime Limited kontra Nero Shipmangament Ltd?

(c) Il-proceduri arbitrali ta' Londra referiti f'(a) huma prezentement miftuhin jew pendenti, jew gew maghluqin jew b'xi mod gew itterminati?

(d) Jekk l-arbitragg f'Londra referit f'(a) huwa maghluq jew itterminat, ittermina permezz ta' ftehim jew inkella permezz ta' award finali u mhux appellabbli?

(e) Jekk l-arbitragg ta' Londra huwa maghluq u/jew itterminat permezz ta' award jew ftehim, meta kienet id-data li gie maghluq jew terminat?

(f) Jekk xi flus kienu mhallsin minn Rema Maritime Limited lil Nero Shipmanagement Ltd b'rizultat ta' award jew ftehim mill-proceduri arbitrali ta' Londra referiti f'(a), x'kien l-ammont imhallas u meta giet imhallas?

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2015.

Rat ir-risposta tal-Imhallef Emeritus Dr. Philip Sciberras *nomine* (ID 935645M) datata 29 ta' Ottubru 2015 (fol 100) fejn espona illi:

1. Fl-ewwel lok l-esponenti *nomine* ma huwiex il-legittimu kontradittur biex iwiegeb ghad-domandi sottoposti mir-rikorrenti *nomine*.

2. Illi huwa dubitat kemm seta' r-rikorrenti *nomine* jinqeda b'din il-procedura minflok rikors guramentat fil-kontenzjus fil-konfront ta' min minghandu jippretendi twegibiet ghall-kweziti tieghu.

3. F'kull kaz l-esponenti *nomine* m'ghandux ibati spejjes

4. Salvi u mpregudikati risposti ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fl-ahhar seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru 2015 meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Stephen Muscat, l-Onor Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras u Dr Tonio Grech. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Stephen Muscat, ta' Onor Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras u ta' Dr Tonio Gech, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors qed jigi differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi in sintezi, t-talba odjerna tikkonsisti f'talba ta' kreditur sekwestrant sabiex din il-Qorti tordna lis-sekwestratarju f'Mandat Ezekuttiv sabiex jaghti aktar informazzjoni dwar flejjes u proprjeta' li ghalkemm mhumiex attwalment f'idejh jista', fuq esitu ta' proceduri arbitrali separati, jigi kkundannat ihallas lid-debitur sekwestrat in linea ta' danni.

Ir-rikorrent qed jadixxi lil din il-Qorti f'dan l-istadju ghaliex il-proceduri pendenti bejn id-debitur u s-sekwestratarju huma proceduri arbitrali li huma konfidenzjali u ma jistax, minghajr l-intervent ta' din il-Qorti, jaccedi ghall-ebda informazzjoni dwar l-istatus attwali taghhom u s-somom involuti. Jghid li din is-sitwazzjoni qed tohloq ingustizzja fil-konfront tieghu u jrendi l-mandat ineffettiv. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tordna lis-socjeta` sekwestratarja Rema Maritime Limited sabiex twiegeb ghall-mistoqsijiet immirati biex jaghtu informazzjoni l-aktar shiha u ampja dwar dawk il-proceduri.

Jigi senjalat li s-sekwestratarja ma kenitx indikata bhala intimata f'dan ir-rikors izda l-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-Rema Maritime Limited li oggezzjonat ghat-talbiet *stante* li l-arbitragg gewwa Londra huwa soggett ghal-ligi Ingliza li tqis il-proceduri tal-arbitragg bhala kunfidenzjali bejn il-partijiet.

Is-socjeta' intimata Nero Shipmanagement Ltd. wkoll opponiet ghat-talba billi ssostni li mhix il-legittimu kontradittur biex twiegeb ghad-domandi sottoposti mir-rikorrenti *nomine*; u li r-rikorrent *nomine* ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri ghall-ghanijiet dikjarati tieghu imma ghandu jadixxi l-Qorti fil-kompetenza kontenzjuza taghha.

Il-fatti li johorgu mill-atti huma s-segwenti. Is-socjeta' rikorrenti ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-intimat *nomine* (Mandat ta' Sekwestru Nru.1087/15) in kawtela tal-ammont ta' €181,715.65 rapprezentanti kreditu likwidat b'*lodo* arbitrali parzjali u *lodo* arbitrali finali rispettivament maghluqa fit-13 ta' Gunju 2013 u fis-7 ta' Awwissu 2013 fi proceduri arbitrali f'Londra.

Jirrizulta li in segwitu ghall-otteniment tal-mandat, is-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarja, b'nota in atti tal-Mandat, iddikjarat li m'ghandhiex hwejjeg jew flus tas-socjeta' sekwestrata. Huwa pacifiku li hemm proceduri arbitrali ohra pendenti f'Londra bejn is-sekwestrat u s-sekwestratarju fejn is-sekwestrat qed ifittex kundanna ghall-hlas ta' danni. Ghalhekk, skont x'ikun l-ezitu ta' dawn il-proceduri, li qed jittiehdu fl-esteru, jista' jirrizulta li s-sekwestratarju Rema Maritime Limited tigi kkundannata thallas lill Nero Shipmanagement Limited ammont likwidat bhala danni.

**Dritt**

Il-Qorti, mal-hrug ta' mandat ta' sekwestru, effettivament tordna lis-sekwestratarju li ma jħallasx jew ma jagħtix lid-debitur, jew lil xi persuna oħra, il-flus jew il-ħwejjeġ li jistgħu jinsabu għandu u li huma tad-debitur, taħt piena ta' ħlas tad-danni u l-imgħax (**art. 376(2)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Mit-test ta' dan is-subartikolu, kif ukoll mill-**artikolu 378 tal-istess Kodici,** jirrizulta li l-hsieb tal-legislatur hu biex jorbot lis-sekwestratarju sabiex izomm dawk il-flus jew hwejjeg appartenenti lid-debitur sekwestrat li huma fil-pussess tieghu. Hekk jiddisponi l**-artikolu 378** u cioe`:

*"Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat, u li ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista', wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordinijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni".*

Din il-Qorti tifhem li sekwestratarju notifikat b'mandat ta' sekwestru ghandu obbligu ben definit, u cioe`, li jiddepozita il-flejjes jew hwejjeg li ghandu fil-pussess tieghu u li huma tad-debitur u fin-nuqqas jesponi ruhu ghall-sanzjonijiet li jistghu jinkludu anke l-arrest personali. Billi l-ksur ta' ordni tal-Qorti jikkostitwixxi att ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-

Qorti, isegwi li s-sanzjoni kkontemplata bil-Ligi, u l-procedura mehuda sabiex jigi stabbilit jekk is-sekwestratarju agixxa bi ksur tal-ordni lilu maghmula, huma ta' indoli penali. Isegwi li s-sekwestratarju jrid minghajr l-ebda ombra ta' dubbju, jkun partecipi fil-process.

Illi madanakollu inghad li "*L'indole del sequestro e' di spiegare i suoi effetti anche sulle cose o denari che in seguito alla sua esecuzione giungessero in potere del squestratario, e cio' fino a nuovo ordine." (***Brockdorf v Micallef - vol.X.727.col.22)[1].**

Illi dan ifisser li l-effetti tal-mandat jolqtu anke dawk il-krediti li jsorgu wara l-hrug tal-mandat diment li l-mandat jibqa' validu u vigenti. L-obbligu tas-sekwestratarju jibqa' vigenti u effettiv sakemm jibqa' vigenti l-mandat u ghandu jiddikjara li ghandu flejjes fil-pussess tieghu appartenenti lid-debitur malli dawn jigu fil-pussess tieghu. Tant hu hekk li "*il sequestro, presso terzi, detto percio' nell'antica pratica 'inhibitio o praceptum de non solvendo' non ha altro effetto se non quello d'impedire, nell'interesse del sequestrante, il passaggio di denaro o di qualunque altra cosa mobile dal debitore al creditore di essa e d'invalidare in quello stesso interesse il pagamento fatto dal primo al secondo- esso pero' non modifica altrimenti i rapporti fra il creditore (sequestrato) e il debitore (sequestratario ) e non toglie al primo il suo diritto di credito; tanto che il sequestratario, anche a domanda del sequestrato puo' essere costretto a*

[1] Rapportat f'Cremona "Giurisprudeza sul Procedura Civile" - Vol I p 797.

*depozitare le cose sequestrate."*[2] Skont din l-interpretazzjoni, l-mandat ta' sekwestru ghandu wkoll effett inibittiv.

Gjaldarba l-mandat huwa ordni tal-Qorti li jimpedixxi l-passagg ta' flus jew hwejjeg mis-sekwestratarju ghas-sekwestrat, isegwi li Rema Maritime Ltd hija gja u minn issa stess marbuta milli tghaddi kwalunkwe ammont lis-socjeta' intimata jekk u meta din ta' l-ahhar jkollha ezitu pozittiv fil-proceduri arbitrali pendenti b'*lodo* ta' danni u,minnflok, ghandha tiddeposita tali somom fil-qorti.

**Legittimu Kontradittur**

Illi s-socjeta' intimata sollevat l-eccezzjoni li mhix legittimu kontradittur biex twiegeb ghall-mistoqsijiet sottoposti mir-rikorrent *nomine*.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tibda biex tghid li l-mandat huwa att gudizzjarju bejn sekwestrant u sekwestrat filwaqt li s-sewestratarju huwa notifikat bil-mandat ghall-fini tal-effetti tieghu.

Isegwi li s-socjeta' intimata hija legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Riferibbilment ghall-mistoqsijiet sottoposti, il-Qorti taqbel li mhuwiex is-sekwestrat li ghandu iwiegeb ghalihom kif inhu impost ir-rikors odjern.

---

[2] Cremona op cit. p. 798.

**Qorti Kontenzjuza**

Id-difensur tas-socjeta ' sekwestrata ssottometta li jekk ir-rikorrent irid jinghata aktar gharfien mis-sekwestratarju ghandu jipproponi talba appozita fil-Qorti ta' kompetenza kontenzjuza.

Il-Qorti taqbel ma’ din it-tezi. Fil-kaz odjern it-talba kif ifformulata hija wahda intempestiva fejn ir-rikorrent *nomine* qed jittenta dak li mhu xejn hlief *fishing expedition* biex jaggira mal-konfidenzjalita' tal-proceduri arbitrali inkorsi f'Londra. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan l-istadju, is-socjeta' sekwestratarja ma tistax tigi kostretta taghti din l-informazzjoni billi xejn ghadu kristallizzat, wisq inqas l-obbligu ghall-hlas tad-danni.

Ir-rikors in dizamina sar fl-atti tal-mandat u huwa cirkoskritt bid-disposizzjonijiet li jirregolaw il-hrug ta' mandati ezekuttivi. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, f'dawn il-proceduri, li tistharreg kif, jekk, u meta, jista' jinholoq kreditu favur id-debitur sekwestrat . Il-kompitu tal-Qorti hija hawn limitata billi taccerta li s-sekwestratarju qaghad mal-obbligi tieghu skont il-Ligi u, fin-nuqqas, tapplika s-sanzjonijiet kontemplati mil-legislatur.

Madanakollu din il-Qorti ghandha wkoll l-obbligu, l-awtorita' u l-poter li taccerta li l-ordnijiet taghha jigu ezegwiti u mhux evazi u tqis li ghandha minn issa stess tordna lil Rema Maritime Limited sabiex tiddepozita kopja legali tal-*lodo*

arbitrali finali fl-atti ta' dan il-Mandat fi zmien qasir mid-data li jinghata taht sanzjoni ta' disprezz. Dan qed isir ghaliex huwa meta l-*lodo* isir ezekuttiv li jiskatta l-obbligu tas-sekwestratarju li jiddepozita somom u flejjes li jappartjenu lis-sekwestrat taht l-ordnijiet gja moghtija bil-Mandat Ezekuttiv.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet limitatament billi tordna lil Rema Maritime Limited sabiex tiddepozita kopja legali tal-*lodo* arbitrali finali fl-atti ta' dan il-Mandat fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mid-data li jinghata taht sanzjoni ta' disprezz u dana salv u effettiv l-obbligu li l-istess socjeta' tiddepozita s-somom li talvolta tigi kkundannata thallas lid-debitur sekwestrat skont il-Ligi *entro* l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess.

**Kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar 2016**